MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 867/2004

**Alfred Delicata kif ezercenti l-kummerc**
**“Carpet Zone”**

**Vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ seba’ mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm786) rapprezentanti hsara li sofra meta dahal l-ilma fil-mahzen tieghu li qed jintuza bhala store fi Triq Tumas Chetcuti, Attard u b’hekk ixxarrbu diversi twapet ta’ valur ta’ seba’ mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm786).

Ra r-Risposta tal-korporazzjoni konvenuta li biha wiegbet li qabel xejn l-attur ghandu jindika meta gara l-incident in kwistjoni u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-korporazzjoni m'hijiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Alfred Delicata, Anthony Darmanin, Emanuel Borg, Marica Mifsud u ta' Dina Jane Gatt.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ingrid Spiteri Bailey ghall-attur u ta' Dr Guido Pace Spadaro ghall-korporazzjoni konvenuta.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur juza mahzen li jinsab fi Triq Sir Luigi Ellul, Attard u fil-15 t'Awissu, 2003 huwa mar l-istore biex inaddaf xi twapet u nduna li t-twapet kienu mgharrqin fl-ilma. Huwa ghamel rapport lill-korporazzjoni konvenuta u sadanittant l-ilment baqa' hemm, tant illi fis-26 t'Awissu kien hemm gar li nfurmah li kien hemm ilma hiereg minn gewwa l-garaxx tieghu. Huwa baqa' jipprosegwi bl-ilment u eventwalment saru testijiet ta' l-ilma li nstab li kien ilma tal-vit u wara li saru xi testijiet instab li kien hemm hsara f'pipe li jikkonnettja l-main mit-triq ghal mal-meter ta' post li jigi magenb il-garaxx in kwistjoni. Il-hsara giet irrangata fit-12 ta' Settembru, 2003.

L-attur zamm it-twapet ghal ftit taz-zmien, izda dawn thassru u kellu jarmihom u ghalhekk qieghed jitlob li jigi kkumpensat fil-valur taghhom ta' seba' mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm786).

Il-kontestazzjoni f'din il-kawza hija dwar ir-responsabbilta'. Il-konvenut qieghed jikkontendi illi legalment huwa jista' jigi misjub responsabbli biss jekk jirrizulta li kien hemm negligenza da parti tieghu. L-Artikolu 21 tal-Kapitolu 355 jiddisponi hekk:

“**21.** (1) Il-korporazzjoni ma tkunx responsabbli ghal xi hsara maghmula lil persuna jew proprjeta’ konnessa ma’ l-installazzjoni tal-provvista ta’ l-ilma li tkun ikkagunata minn xi incident li ma setax jigi evitat, minn deterjorazzjoni ragunevoli jew minn konnessjoni ta’ *fittings* ta’ l-ilma mhux awtorizzat jew minn xi difetti fl-installazzjoni mhux provduti mill-korporazzjoni.

(2) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-Sub-Artikolu (2) ta’ l-Artikolu 18 il-korporazzjoni mhix responsabbli, fejn ma jkunx hemm negligenza u skond il-provvedimenti ta’ dan l-Att, ghal xi inkonvenjent jew hsara attribwibbli ghall-qadi ta’ xi dmir impost b’dan l-Att.

(3) Il-korporazzjoni mhix responsabbli partikolarment ghal xi inkonvenjent jew hsara kkagunata minn gharar li gej minn azzjoni ta’ tempesti naturali li jinqalghu, ilma ta’ taht l-art jew tqallib tal-bahar.”
Ghalhekk is-semplici fatt li kien hemm hsara fis-sistema ta’ l-ilma m’huwiex bizzejjed izda f’dan il-kaz it-Tribunal jidhirlu illi l-attur irnexxielu jeghleb il-piz tal-prova u juri li fil-fatt il-korporazzjoni konvenuta setghet tevita l-incident (Artikolu 21.1) u kienet negligenti fil-qadi ta’ xogholha (Artikolu 21.2).

L-ilment gie originarjament irrapportat f’nofs Awissu u l-korporazzjoni konvenuta damet kwazi xahar sabiex tirrimedja l-ilment. Sadanittant l-ilma baqa’ diehel fil-garaxx in kwistjoni u dan kien il-kagun principali tal-hsara.

Inoltre, jirrizulta illi fl-istess triq, il-korporazzjoni kien ikollha hafna lmenti ta’ *water leakages* f’dik it-triq, tant li kienu jafu li kien hemm xoghol hazin u jidher car illi l-korporazzjoni konvenuta kienet toqghod tistenna li tircievi l-ilmenti sabiex hija tirrimedjahom u ma hadet l-ebda pass preventiv sabiex, stante li kienet taf li x-xoghol kien hazin, li dan jinqala’ u jerga’ jsir mill-gdid.

Dan ma kienx kaz sporadiku, izda mir-rapporti li kienu dahlu, jidher car li l-korporazzjoni kienet konxja li kien hemm problema f’dik it-triq u ma kienetx sorpriza li kien hemm ilmenti simili bhal dak ta’ l-attur.

Galadarba l-korporazzjoni kienet taf li f’dik it-triq kien sar xoghol hazin, kellha l-obbligu li tiehu l-passi kollha rimedjali u preventivi u mhux thalli l-incidenti jsiru u mbaghad tara wara.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-korporazzjoni konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni kemm taht l-Artikolu 21.1 kif ukoll taht l-Artikolu 21.2 tal-Kapitolu 355 u ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-istess attur.  Ma giet imressqa l-ebda eccezzjoni dwar il-quantum tad-danni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-attur kif dedotta u jikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm786) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------